# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 109/7

Il-Ħamis 07 ta' Settembru 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

109.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

109.2 Kuntrattur – Miżura 4.3 – Toroq Rurali;

109.3 Tmiem tal-laqgħa.

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**109.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

109.1.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsilliera s-Sur Sammut u s- Caruana informaw lill-Kunsill li ma setgħux jattendu. Il-Kunsill qabel li għal kull buon fini tal-proċedura, is-Sur Sammut u s-Sur Caruana għandhom jiġu konsidrati bħala skużati u li din l-assenza bl-ebda mod ma għandha tnaqqas ir-remunerazzjoni tagħhom dwar l-attendenza fil-laqgħat tal-Kunsill u l-pagament kif stabbilit.

**109.2.0 Kuntrattur – Miżura 4.3 – Toroq Rurali**

109.2.1 Is-Sindku spjega dwar il-ħtieġa li tissejjaħ din il-laqgħa b'urġenza u rringrazzja lil dak kollha preżenti peress li din il-laqgħa saret fl-iqsar ħin li tippermetti l-liġi. Saret diskussjoni minn dawk kollha preżenti.

Il-Kunsill ingħata l-informazzjoni pertinenti. Wara li l-Kunsill iddiskuta u ddelibera dwar is-sitwazzjoni u l-konsegwenzi u d-danni li jista' jsofri l-Kunsill peress li Impresa Cassarino naqset mill-obbligi tagħha dwar l-offerta tagħha u li għalkemm ingħata żmien biżżejjed sabiex tagħmel dak meħtieġ, xorta waħda baqgħet inadepjenti. Meta l-Kunsill ra li hemm ksur tat-termini u kundizzjonijiet tal-offerta, il-Kunsill mexa skont l-artikolu 61 tal-General Conditions for Works Contract v 2.2 paġna 45. Il-Kunsill b'mod unanimu ddeċieda li jirrifjuta l-offerta tal-Impresa Salvatore Cassarino u li jieħu l-proċeduri meħtieġa sabiex jerġa' jiftaħ l-proċess tan-negozjar mal-offerenti l-oħra skont il-proċeduri eżistenti tal-e-procurement.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jieħu passi skont il-Liġi Ċivili kontra s-Sur Cassarino dwar danni li l-Kunsill sofra u li jista' jsofri minħabba n-nuqqas tas-Sur Cassarino li jissodisfa l-obbligu li daħal għalihom lejn il-Kunsill meta huwa għamel l-offerta tiegħu kif oriġinaljament ġiet aċċettata mill-Kunsill u liema aċċettazzjoni ġiet mgħarfa u aċċettata wkoll mill-istess Cassarino skont is-sistema tal-e-procurement.

**109.3 Għeluq tal-Laqgħa**

109.3.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa urġenti ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.20pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |